

# It-telexogħol u r-riskji tas-saħħa fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19: evidenza mill-implikazzjonijiet ta' fuq il-post u tal-politika

Sommarju Eżekuttiv

Awtur: Awturi: Maria Caprile, Juan Arasanz and Pablo Sanz (Notus)

Ġestjoni tal-proġett: Maurizio Curtarelli and Lorenzo Munar (EU-OSHA)

Dan is-sommarju ġie kkummissjonat mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Il-kontenut tiegħu, inkluża kwalunkwe opinjoni u/jew konklużjoni espressa, huma dawk tal-awturi biss u mhux neċessarjament jirriflettu l-fehmiet tal-EU-OSHA.

## Werrej

Introduzzjoni .....	4
Mudelli tat-telexogħol.....	4
Riskji psikosoċjali.....	5
Bidliet fil-kontenut tax-xogħol .....	5
Intensifikazzjoni tax-xogħol .....	6
L-iżolament u l-kollaborazzjoni intensa tat-tim virtwali.....	6
Kunflitt bejn ix-xogħol u l-ħajja privata .....	7
Disturbi muskuloskeletalni u kwistjonijiet oħra fiżiċi .....	8
Fatturi ta' moderazzjoni .....	8
Awtonomija.....	8
Kontroll u l-appoġġ tal-organizzazzjoni.....	9
Id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv fil-livell tal-kumpaniji.....	10
Xejriet regolatorji fil-livell nazzjonali .....	10
Indikaturi ta' politika .....	11

## Introduzzjoni

L-estensjoni bla preċedent tat-telexogħol bħala riżultat tat-tifqigħa tal-COVID-19 qajmet mistoqsijiet dwar l-impatt ta' din il-forma ta' organizzazzjoni tax-xogħol fit-tul. Filwaqt li t-telexogħol x'aktarx isir aktar prominenti għall-kumpaniji u għall-impjegati, l-aspetti tas-saħħa u sikurezza okkupazzjonali (OSH) jeħtieġu aktar attenzjoni. Dan l-istudju jiffoka fuq l-aspetti tat-telexogħol u tal-OSH, filwaqt li jindirizza l-mistoqsijiet ta' riċerka li ġejjin:

- X'inhum l-istat attwali ta' għarfien dwar l-impatt tat-telexogħol fuq l-inċidenza ta' riskji psikosoċjali u ta' disturbi muskuloskeletalni (MSDs)? X'inhuma l-fatturi ewlenin li jimmodulaw dawn l-impatti u dawn ġew affettwati mill-prattika ta' telexogħol estiż matul il-pandemija tal-COVID-19?
- Il-pandemija tal-COVID-19 kif biddlet ix-xejriet tat-telexogħol u l-kompożizzjoni tal-popolazzjoni tat-telexogħol? Sa liema punt dawn il-bidliet huma temporanji jew permanenti? X'inhuma d-differenzi fl-esperjenza tat-telexogħol fost gruppi differenti ta' ħaddiema?
- X'inhuma l-iżviluppi regolatorji u ta' politika l-ġodda relatati mal-prattika tat-telexogħol? Kif għandhom impatt fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u, b'mod partikolari, fuq l-OSH?

L-istudju għabar flimkien riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni u fuq il-post. Sar rieżami estensiv tal-letteratura dwar it-telexogħol. L-analiżi tar-regolamentazzjoni tat-telexogħol kienet ibbażata fuq il-konsultazzjoni tal-EU-OSHA man-network tal-punt fokali nazzjonali tagħha (FOP) fil-ħarifa tal-2020 u rieżami addizzjonali tal-letteratura <sup>(1)</sup>. Ix-xogħol fuq il-post twettaq fi tliet pajjiżi (Spanja, Franza u l-Italja) minn Frar sa Mejju 2021 permezz ta' intervisti semistrutturati (48 intervista mal-impjegati u 18-il intervista mal-impjegaturi).

## Mudelli tat-telexogħol

Il-prevalenza tat-telexogħol fis-27 Stat Membru tal-UE (EU-27) kienet pjuttost moderata fl-2019. Dan kien ikkonċentrat l-aktar fil-grupp ta' professjonisti u manijers b'ħiliet għolja bħala mudell ta' xogħol okkażjonali <sup>(2)</sup>.

Din is-sitwazzjoni nbidlet drastikament bit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, peress li t-telexogħol sar in-norma għall-impjegati kollha li fihom kien teknikament fattibbli. Fil-quċċata tal-pandemija (Lulju 2020), kważi nofs l-impjegati kienu qed jaħdmu mid-dar tal-anqas parti mill-ħin tax-xogħol tagħhom, li kważi nofs minnhom ma kellhom l-ebda esperjenza preċedenti ta' dan l-arranġament ta' ħidma <sup>(3)</sup>.

Id-*data* mill-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE tal-2020 turi żieda sostanzjali fil-prevalenza ta' telexogħol regolari fost l-impjegati fl-EU-27: minn 3.2 % fl-2019 għal 10.8 % fl-2020. Is-sehem tal-impjegati li xi kultant jaħdmu mid-dar baqa' stabbli (7.9 %).

Ġie smat li madwar terz tal-impjegati dipendenti fl-EU-27 jistgħu jitwettqu mill-bogħod <sup>(4)</sup>. Saret xi riċerka biex jiġi esplorat jekk, u b'liema modi, il-bidla enormi lejn ix-xogħol mid-dar matul il-kriżi tal-COVID-19 setgħetx tinvolve bidliet sostenibbli fil-prattiki tal-organizzazzjoni tax-xogħol tal-kumpaniji u fil-perċezzjonijiet tal-ħaddiema, u jekk hux se tibqa' għażla għal daww l-okkupazzjonijiet li qabel ma kellhomx aċċess għal dan l-arranġament ta' ħidma:

- Xi studji jissuġġerixxu li l-perċezzjonijiet tax-xogħol mid-dar kemm tal-impjegati kif ukoll tal-manijers tjiġu sostanzjalment mill-bidu tal-pandemija u dan jissarraf fi preferenza ġeneralizzata għall-arranġamenti tax-xogħol ibridi <sup>(5)</sup>.

<sup>(1)</sup> EU-OSHA (Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol) (2021), *Ir-regolamentazzjoni tat-telexogħol f'Europa ta' wara l-COVID*. Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/regulating-telework-post-covid-19-europe/view>

<sup>(2)</sup> Sostero, M., Milasi, S., Hurley, J., Fernández-Macías, E. & Bisello, M. (2020), *Teleworkability and the COVID-19 crisis: a new digital divide?* Iċ-Centru Kongunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, Sevilja.

<sup>(3)</sup> Eurofound (2020), *Living, working and COVID-19*. Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

<sup>(4)</sup> Sostero, M., Milasi, S., Hurley, J., Fernández-Macías, E. & Bisello, M. (2020), *Teleworkability and the COVID-19 crisis: a new digital divide*. Iċ-Centru Kongunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, Sevilja.

<sup>(5)</sup> Microsoft Work Trend Index (2021). "The next great disruption is hybrid work — are we ready?". Disponibbli fuq: <https://www.microsoft.com/en-us/worklab/work-trend-index>; Barrero, J. M., Bloom, N. & Davis, S. J. (2020), *Why working from home will stick*. Dokument ta' Ħidma tal-Istitut għall-Ekonomija Becker Friedman, (2020-174), l-Università ta' Chicago, Chicago, IL.

- L-isfidi ewlenin huma kif jiġu adattati l-kontroll u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni għall-okkupazzjonijiet li tradizzjonalment kienu soġġetti għal superviżjoni diretta, jiġifieri impjegati b'ħiliet medji <sup>(6)</sup> u kif jiġu żgurati l-koordinazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien f'okkupazzjonijiet li jinvolvu grad għoli ta' interdipendenza tal-kompiti u ta' xogħol f'tim<sup>(7)</sup>.
- Għad irid jiġi esplorat kif it-telexogħol jista' jiġi inkorporat f'okkupazzjonijiet b'domanda għolja għal interazzjoni soċjali.

F'dan ir-rigward, is-sejbiet fuq il-post jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- It-telexogħol infurzat ipprova opportunità ta' tagħlim għal għadd kbir ta' kumpaniji u impjegati, speċjalment dawk b'esperjenza limitata jew mingħajr esperjenza preċedenti ta' dan l-arranġament ta' ħidma: dawn l-aġġustamenti kienu jeħtieġu sforz konsiderevoli iżda rriżultaw f'eżiti aħjar milli kien mistenni.
- Il-mekkaniżmi ta' kontroll u monitoraġġ tal-prestazzjoni ma nbidlux sostanzjalment minħabba li wrew li huma effettivi, filwaqt li l-koordinazzjoni tat-tim kienet partikolarment diffiċli.
- Il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji qed jiddiskutu pjanijiet biex jestendu t-telexogħol u l-biċċa l-kbira tal-impjegati jesprimu preferenza biex ikomplu b'telexogħol regolari fil-futur jew tal-anqas jixtiequ l-opportunità li xi drabi jaħdmu mid-dar.
- Dan jimplika estensjoni tal-arranġamenti tax-xogħol ibridi, jiġifieri fost l-impjegati b'ħiliet medji li jwettqu kompiti ta' pproċessar tal-informazzjoni (b'ħall-iskrivani u persunal amministrattiv u tekniku ieħor).
- It-telexogħol fuq talba jista' jsir aktar prominenti f'impjegati li jeħtieġu livelli għoljin ta' interazzjoni soċjali.

## Riskji psikosoċjali

Ir-rieżamijiet sistematiki reċenti tar-riċerka dwar it-telexogħol u l-eżiti relatati mas-saħħa juru li r-riskji psikosoċjali huma l-aktar riskji prevalenti għas-saħħa assoċjati ma' dan l-arranġament ta' ħidma <sup>(8)</sup>.

Il-biċċa l-kbira tar-riċerka f'dan il-qasam twettqet f'kuntest li fih it-telexogħol kien fil-biċċa l-kbira okkażjonali u ppermetta għadd limitat ta' impjegati, l-aktar f'okkupazzjonijiet bi kwalifiki għoljin. Għalhekk, l-esperjenza ta' telexogħol estiż u fit-tul fil-kuntest tal-pandemija titlob rivalutazzjoni tas-suppożizzjonijiet tradizzjonali dwar it-telexogħol, ir-riskji psikosoċjali u s-saħħa <sup>(9)</sup>.

## Bidliet fil-kontenut tax-xogħol

F'konformità ma' studji oħra mwettqa matul il-kriżi tal-COVID-19 <sup>(10)</sup>, ix-xogħol fuq il-post juri li t-telexogħol obligatorju kien partikolarment ta' sfida għall-impjegati f'impjegati li jeħtieġu livelli għoljin ta' interazzjoni soċjali u domandi emozzjonali.

Dan huwa l-każ paradigmaticu tal-għalliema u tal-ħaddiema soċjali, iżda wkoll impjegati oħra li jinvolvu xi grad ta' interazzjoni wiċċ imb wiċċ li huwa diffiċli li jiġi rreplikat virtwalment mingħajr ma tintilef il-kwalità (pereżempju, impjegati kummerċjali).

L-adattament għat-telexogħol kien jinvolvi bidliet sinifikanti fil-kontenut u l-iskop ta' dawn l-impjegati. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-kumpaniji u l-impjegati kienu partikolarment ippreparati ħażin għal bidla f'daqqa għat-telexogħol u spiss dan irriżulta f'żieda fl-ammont ta' xogħol u fl-istress, b'mod partikolari fl-istadji inizjali tal-pandemija. Madankollu, l-impjegati rrapportaw ukoll frustrazzjoni persistenti relatata ma' riżultati ħżiena fix-xogħol tagħhom jew mas-sens li ma kinux qed iwettqu xogħolhom "bl-aħjar mod".

<sup>(6)</sup> Sostero, M., Milasi, S., Hurlley, J., Fernández-Macias, E. & Bisello, M. (2020), *Teleworkability and the COVID-19 crisis: a new digital divide?* Iċ-Centru Kongunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, Sevilla.

<sup>(7)</sup> Gibbs, M., Mengel, F. & Siemroth, C. (2021), *Work from home & productivity: Evidence from personnel & analytics data on IT professionals*. Dokument ta' Ħidma tal-Istitut għall-Ekonomija Becker Friedman, (2021-56), l-Università ta' Chicago, Chicago, IL.

<sup>(8)</sup> Oakman, J., Kinsman, N., Stuckey, R., Graham, M. & Weale, V. (2020), "A rapid review of mental and physical health effects of working at home: how do we optimise health?" *BMC Public Health*, 20(1), 1825; Charalampous, M., Grant, C., Tramontano, C. & Michailidis, E. (2019), "Systematically reviewing remote e-workers' well-being at work: a multidimensional approach". *European Journal of Work and Organizational Psychology*, 28(1), 51-73.

<sup>(9)</sup> Lopez-Igual, P. & Rodríguez Morono, P. (2020), "Who is teleworking and where from? Exploring the main determinants of telework in Europe". *Sustainability*, 12(21), 1-15.

<sup>(10)</sup> Fana, M., Milasi, S., Napierala, J., Fernández-Macias, E. & González Vázquez, I. (2020), *Telework, work organisation and job quality during the COVID-19 crisis. Studju kwalitattiv*. Iċ-Centru Kongunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, Sevilla.

Għall-impjegati f'impjegati b'karatteristiċi bħal dawn, iż-żamma tal-interazzjoni wiċċ imb wiċċ tibqa' essenzjali. Madankollu, il-biċċa l-kbira ta' dawn l-impjegati ma jiċħdux l-oportunità li jitolbu xogħol okkażjonali mid-dar f'xenarju ta' wara l-pandemija. L-esperjenza tat-telexogħol infurzat uriet li xi kompiti jistgħu jitwettqu mill-bogħod b'mod aktar komdu u produttiv.

## Intensifikazzjoni tax-xogħol

Il-firxa tat-telexogħol spiss għet identifikata fil-letteratura dwar ir-riċerka bħala saħra informali jew sigħat irregolari ta' ħidma biex tlaħħaq ma' ammont kbir ta' xogħol jew biex jiġu ġestiti l-aspettattivi ta' disponibbiltà kostanti biex wieħed jattendi għal talbiet tal-impjeg, li jwasslu għal stress u problemi relatati mas-saħħa <sup>(11)</sup>.

Ix-xogħol fuq il-post juri li żieda fl-ammont ta' xogħol u x-xejriet tal-ħin tax-xogħol irregolari kienu fil-biċċa l-kbira kkonċentrati fl-istadji inizjali tal-pandemija, minħabba l-ħtieġa li l-prattiki tal-organizzazzjoni tax-xogħol jiġu adattati għall-kuntest il-ġdid. Dawn kienu partikolarment akuti għall-impjegati b'ċerti responsabbiltajiet maniġerjali f'kumpaniji li kienu affettwati b'mod sever mill-kriżi.

Madankollu, is-sejbiet juru wkoll li l-ħidma mid-dar tinvolvi riskji ċari ta' estensjoni tal-ħin tax-xogħol u diffikultà akbar biex wieħed jieqaf mix-xogħol, li spiss ikunu assoċjati ma' perċezzjonijiet li jridu jkunu disponibbli b'mod kostanti.

It-tnaqqis fil-ħinijiet tal-ivvjaġġar kellu effetti differenti fuq ix-xejriet tal-ħin tax-xogħol. L-iffrankar tal-ħin tal-ivvjaġġar lejn ix-xogħol huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar effetti pożittivi tat-telexogħol; madankollu, il-ħin li kien jintuża qabel fl-ivvjaġġar lejn ix-xogħol spiss jiġi ttrasformat (kompletament jew parzjalment) f'ħin tax-xogħol. Filwaqt li xi impjegati jsibuha aktar ta' sodisfazzjon li jgħattgħu l-ħin jaħdmu milli jivvjaġġaw lejn ix-xogħol, oħrajn jesprimu diffikultajiet fl-iffissar ta' limiti għax-xogħol tagħhom meta jaħdmu mid-dar.

Kwistjonijiet relatati mad-disponibbiltà lil hinn mis-sigħat regolari jirriżultaw minn fatturi differenti:

- Il-forom diretti ta' kontroll intrużiv jistgħu jwasslu għal pressjoni li tkun disponibbli b'mod kostanti, għalkemm kienu fil-biċċa l-kbira eċċezzjonali u limitati għall-istadji inizjali tal-pandemija.
- Prattiki oħra ta' ġestjoni (bħal li tintbagħat il-posta elettronika barra l-ħinijiet tax-xogħol) huma aktar komuni u jistgħu jwasslu għal aspettattivi impliċiti ta' disponibbiltà estiża.
- L-impjegati jistgħu jħossuhom mgjegħla jkunu aktar viżibbli u dejjem lesti għax-xogħol, biex juru rispons lejn il-maniġers u l-koħaddiema.
- L-aspettattivi ta' disponibbiltà estiża jistgħu jkunu aktar evidenti fost l-impjegati f'impjegati li jinvolvu livelli għoljin ta' interazzjoni soċjali, u li spiss jesperjenzaw diffikultajiet fl-istabbiliment ta' limiti mal-klijenti (esterni jew interni) jew mal-utenti tas-servizzi, milli f'tipi oħra ta' xogħol.

## L-iżolament u l-kollaborazzjoni intensa tat-tim virtwali

Ir-riċerka identifikat l-iżolament bħala wieħed mir-riskji psikosoċjali ewlenin tat-telexogħol intens. Is-sensazzjonijiet ta' iżolament kienu prominenti fil-kuntest tal-COVID-19 <sup>(12)</sup>.

Għandha tingħata aktar attenzjoni lir-riskji psikosoċjali ġodda li jirriżultaw minn kollaborazzjoni intensa tat-tim virtwali meta l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema jkunu qed jaħdmu mill-bogħod. Din hija kwistjoni kritika b'implikazzjonijiet differenti għar-riskji tal-prestazzjoni u psikosoċjali u tista' twassal għal:

- tagħbija eċċessiva ta' informazzjoni mill-ġestjoni ta' ammonti kbar ta' informazzjoni minn għodod diġitali multipli u sovrapposti li jippermettu forum ta' komunikazzjoni mhux sinkroniċi u sinkroniċi <sup>(13)</sup>;

<sup>(11)</sup> Eurofound (2020), *Telework and ICT-based mobile work: flexible working in the digital age*. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu; Mauroux, A. (2018), "Quels liens entre les usages professionnels des outils numériques et les conditions de travail?", DARES analyses, Nru 29. Disponibbli fuq: <https://dares.travail-emploi.gouv.fr/sites/default/files/pdf/2018-029.pdf>; Arlinghaus, A. & Nachreiner, F. (2014), "Health effects of supplemental work from home in the European Union". *Chronobiology International*, 31(10), 1100-1107.

<sup>(12)</sup> Carillo, K., Cachat-Rosset, G., Marsan, J., Saba, T. & Klarsfeld, A. (2021), "Adjusting to epidemic-induced telework: empirical insights from teleworkers in France". *European Journal of Information Systems*, 30(1), 69-88; Waizenegger, L., McKenna, B., Cai, W. & Bendz, T. (2020), "An affordance perspective of team collaboration and enforced working from home during COVID-19". *European Journal of Information Systems*, 29(4), 429-442; Perry, S. J., Rubino, C. & Hunter, E. M. (2018), "Stress in remote work: two studies testing the demand-control-person model". *European Journal of Work and Organizational Psychology*, 27(5), 577-593.

<sup>(13)</sup> La Torre, G., Esposito, A., Sciarra, I. & Chiappetta, M. (2019), "Definition, symptoms and risk of techno-stress: a systematic review". *International Archives of Occupational and Environmental Health*, 92(1), 13-35.

- tagħbija eċċessiva mhux verbali: filwaqt li l-informazzjoni kumentwali wiċċ imb wiċċ tgħin fit-tfassil u l-fehim tal-informazzjoni, it-telf tagħha jeħtieġ sforz addizzjonali biex tinkiseb komunikazzjoni effettiva <sup>(14)</sup>;
- kollaborazzjoni u prestazzjoni ħżiena tat-tim <sup>(15)</sup>, b'mod partikolari fost dawk l-impjegati inkorporati fi proċessi ta' xogħol interdipendenti u iterattivi ħafna li jiddependu minn interazzjonijiet soċjali frekwenti <sup>(16)</sup>.

Is-sejbiet tax-xogħol fuq il-post huma konformi ma' dan il-qasam ta' riċerka:

- Il-koordinazzjoni tat-tim hija ġeneralment meqjusa bħala li tiegħu aktar ħin u tista' tinvolti numru akbar ta' laqgħat virtwali u tagħbija eċċessiva ta' informazzjoni, li jnaqqas ir-ritmu tax-xogħol u li potenzjalment jaffettwa t-trasferiment tal-għarfien fi ħdan it-timijiet u l-organizzazzjonijiet tax-xogħol.
- Il-kollaborazzjoni virtwali intensa twassal għal telf fil-kwalità tal-komunikazzjoni interpersonali u n-nuqqas ta' sinjali mhux verbali, li huma kruċjali għall-kontestwalizzazzjoni tal-informazzjoni u għall-evitar ta' nuqqas ta' ftehim. Barra minn hekk, il-laqgħat virtwali għandhom it-tendenza li jkunu aktar iffukati fuq l-impjegati u ma jħallu l-ebda lok għal skambji aktar informali. L-effetti ewlenin huma s-sensazzjoni ta' iżolament, għeja (tagħbija żejda mhux verbali) u insikurezza dwar li wieħed ma jiġix mifhum.
- Is-sensazzjonijiet ta' iżolament kienu partikolarment akuti fost l-impjegati f'impjegati li jinvolvu livelli għoljin ta' interazzjoni soċjali u fost impjegati ġodda. B'kuntrast ma' dan, it-teleħaddiema f'impjegati b'ħiliet medji li ħassew li kienu iżolati qabel il-pandemija pperċepixxew li rċevew rikonoxximent u appoġ akbar fil-kuntest ta' telexogħol estiż.

## Kunflitt bejn ix-xogħol u l-ħajja privata

Riċerka reċenti tat rendikont tar-riskju li l-bidla għat-telexogħol tista' taggrava l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri fid-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet tal-kura u tal-unitajiet domestiċi, speċjalment fost koppji b'introjtu doppju bit-tfal <sup>(17)</sup>.

Il-kapaċità tal-individwi li jimmaniġġjaw il-konfini bejn l-oqsma tax-xogħol u tal-ħajja skont il-preferenzi tagħhom setgħet ġiet mibdula b'mod fundamentali wkoll permezz ta' telexogħol obbligatorju, b'mod partikolari għal dawk li ma għandhomx spazju tax-xogħol xieraq fid-dar <sup>(18)</sup>.

Ir-riżultati tax-xogħol fuq il-post juru li l-kunflitt bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kien akut b'mod speċjali fl-ewwel stadju tal-kriżi tal-COVID-19 u kien evidenti bejn il-ġeneri, u affettwa, b'mod partikolari, lill-ommijiet li jaħdmu bi tfal tal-età tal-iskola meta l-iskejjel kienu magħluqin. F'xi każijiet, il-kunflitt bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jwassal għal ansjetà u stress bħala riżultat tan-nuqqas ta' possibbiltà ta' prestazzjoni bħas-soġtu. F'każijiet oħra, dan iwassal għal sensazzjonijiet ta' ħtija talli tkun iffukat wisq fuq ix-xogħol u ma tissodisfax ir-responsabbiltajiet ta' kura.

L-evidenza miġbura matul il-lockdown u l-għeluq tal-iskejjel fl-istadji bikrija tal-pandemija tista' ma tkunx ġenerali, peress li l-biċċa l-kbira tal-impjegati jirrapportaw li adattaw għas-sitwazzjoni l-ġdida u l-inċidenza tal-kunflitt bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tiġi mmoderata minn karatteristiċi oħra tal-impjegat u l-istatus soċjoekonomiku.

Madankollu, ix-xogħol fuq il-post juri li x-xejriet abbażi tal-ġeneru jippersistu fir-rigward tat-telexogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' spazju xieraq għax-xogħol fid-dar iżid b'mod ċar ir-riskju ta' kunflitt bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel.

<sup>(14)</sup> Bailenson, J. N. (2021), "Nonverbal overload: A theoretical argument for the causes of Zoom fatigue". *Technology, Mind, and Behavior*, 2(1), 1-6.

<sup>(15)</sup> Van der Lippe, T. & Lippényi, Z. (2020), "Co-workers working from home and individual and team performance". *New Technology, Work and Employment*, 35(1), 60-79.

<sup>(16)</sup> Gibbs, M., Mengel, F. & Siemroth, C. (2021), *Work from home & productivity: Evidence from personnel & analytics data on IT professionals*. Dokument ta' Ħidma tal-Istitut għall-Ekonomija Becker Friedman, (2021-56), University of Chicago, Chicago, IL.; Golden, T. D. & Gajendran, R. S. (2019), 'Unpacking the role of a telecommuter's job in their performance: examining job complexity, problem solving, interdependence, and social support'. *Journal of Business and Psychology*, 34(1), 55-69.

<sup>(17)</sup> Blaskó, Z., Papadimitriou, E. & Manca, A. R. (2020), *How will the COVID-19 crisis affect existing gender divides in Europe*. JRC Science for Policy Report, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu; Farré, L., Fawaz, Y., González, L. & Graves, J. (2020), *How the COVID-19 lockdown affected gender inequality in paid and unpaid work in Spain*. Serie ta' Dokumenti ta' Diskussjoni, Nru 13434. Istitut tal-Ekonomija tax-Xogħol tal-IZA. Disponibbli fuq: <http://ftp.iza.org/dp13434.pdf>

<sup>(18)</sup> Allen, T. D., Merlo, K., Lawrence, R. C., Slutsky, J. & Gray, C. E. (2021), "Boundary management and work-nonwork balance while working from home". *Applied Psychology*, 70(1), 60-84.



## Disturbi muskuloskeletalni u kwistjonijiet oħra fiżiċi

Hemm evidenza dejjem akbar li l-prevalenza tal-MSDs tiżdied minħabba pożizzjonijiet bilqiegħda u statiċi għal ħin twil relatati ma' sigħat twal ta' xogħol, kif ukoll fatturi ta' stress psikoloġiku bħall-ammont kbir ta' xogħol <sup>(19)</sup>. Madankollu, ir-riċerka dwar l-inċidenza tal-MSDs iffokat l-aktar fuq xejriet aktar ġenerali ta' kwistjonijiet relatati max-xogħol tal-ICT aktar milli fuq telexogħol ibbażat fid-dar <sup>(20)</sup>.

Minkejja riċerka limitata dwar l-inċidenza tal-MSDs fost it-teleħaddiema bbażati fid-dar, hemm xi indikazzjonijiet li jissuġġerixxu li dawn ir-riskji jistgħu jiżiedu. Ix-xogħol fuq il-post juri inċidenza għolja ta' MSDs awtorrapportati u kwistjonijiet fiżiċi oħra, li huma assoċjati ma' kawżi differenti:

- L-inċidenza tal-MSDs tiġi rrapportata l-aktar b'rabta ma' żieda fis-sedentariżmu, ma' kundizzjonijiet ergonomiċi ħżiena fid-dar u mal-esperjenza ta' kundizzjonijiet tax-xogħol stressanti jew ta' sigħat itwal.
- L-aktar kwistjoni prevalenti li nstabet b'rabta ma' żieda fis-sedentariżmu hija sens ġenerali ta' "għeja soġġettiva". Barra minn hekk, tista' taggrava l-kwistjonijiet fiżiċi preċedenti u tikkontribwixxi għall-emerġenza ta' oħrajn ġodda, bħaż-żieda fil-piż, l-uġiġħ fid-dahar u fl-għonq, u l-għeja viżwali jew l-istrapazz tal-għajnejn.
- Il-limitazzjonijiet spazjali li jiffaċċjaw ħafna impjegati jżommuhom milli jistabbilixxu stazzjon tax-xogħol domestiku li jikkonforma mal-istandards ergonomiċi minimi. Dawn ir-restrizzjonijiet huma partikolarment akuti għall-impjegati li jridu jaqsmu l-kamra tax-xogħol tagħhom ma' membri oħra tal-familja, jiġifieri s-sħab li jaħdmu wkoll mid-dar u t-fal ta' età skolastika. L-impjegati li jgħixu fi bliet kbir huma l-aktar affettwati minn spazju insuffiċjenti għat-telexogħol.

## Fatturi ta' moderazzjoni

Ir-riċerka tindika li l-effetti tat-telexogħol fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-benesseri huma medjati minn fatturi differenti. L-intensità tat-telexogħol hija ovvjament kruċjali. B'mod ġenerali, ir-riċerka tissuġġerixxi li l-arranġamenti ibridi tat-telexogħol jipprovdu l-aħjar bilanċ bejn il-flessibilità tax-xogħol mill-bogħod u l-interazzjoni wiċċ imb wiċċ mal-manijers u l-kollegi <sup>(21)</sup>. Mhux sorpriża li x-xogħol fuq il-post u studji riċenti oħra jirriflettu preferenza ġeneralizzata għal dan it-tip ta' arranġament kemm fost il-kumpaniji kif ukoll fost l-impjegati. Ir-riżultati fir-rigward ta' fatturi ta' moderazzjoni rilevanti oħra huma diskussi hawn taft.

## Awtonomija

It-telexogħol huwa tipikament assoċjat ma' awtonomija perċepita mtejba, li tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-perċezzjoni ta' tagħbija żejda fuq ix-xogħol u stress relatat <sup>(22)</sup>. Diversi studji ddeskrivew ukoll l-importanza li jiġu rikonoxxuti l-preferenzi u l-kapaċitajiet tal-individwi biex ilaħħqu mad-domandi tax-xogħol u l-ġestjoni tal-konfini bejn il-ħajja tax-xogħol u dik privata <sup>(23)</sup>.

Madankollu, it-telexogħol jista' jwassal għal eżiti differenti skont in-normi organizzazzjonali u l-prattiki tal-organizzazzjoni tax-xogħol, li għandhom impatt fuq il-firxa tal-awtonomija mogħtija lill-ħaddiema remoti fl-organizzazzjoni tal-iskedi tal-ħin tax-xogħol u tal-kompiti. B'mod partikolari, l-awtonomija tiġi

<sup>(19)</sup> Roquelaure, Y. (2018), *Musculoskeletal disorders and psychosocial factors at work*, Dokument ta' Riċerka tal-ETUI — ir-Rapport 142. Disponibbli fuq SSRN: <https://ssrn.com/abstract=3316143> jew <http://dx.doi.org/10.2139/ssrn.3316143>; So, B. C., Cheng, A. S. & Szeto, G. P. (2017), "Cumulative IT use is associated with psychosocial stress factors and musculoskeletal symptoms". *International Journal of Environmental Research and Public Health*, 14(12), 1541.

<sup>(20)</sup> Oakman, J., Kinsman, N., Stuckey, R., Graham, M. & Weale, V. (2020), "A rapid review of mental and physical health effects of working at home: how do we optimise health?". *BMC Public Health*, 20(1), 1825; Taib, M. F. M., Bahn, S. and Yun, M. H. (2016), "The effect of psychosocial stress on muscle activity during computer work: comparative study between desktop computer and mobile computing products". *Work*, 54(3), 543-555; Eijkelhof, B. H. W., Huysmans, M. A., Garza, J. B., Blatter, B. M., Van Dieën, J. H., Dennerlein, J. T. & Van Der Beek, A. J. (2013), "The effects of workplace stressors on muscle activity in the neck-shoulder and forearm muscles during computer work: a systematic review and meta-analysis". *European Journal of Applied Physiology*, 113(12), 2897-2912.

<sup>(21)</sup> Contreras, F., Baykal, E. & Abid, G. (2020), "E-leadership and teleworking in times of COVID-19 and beyond: what we know and where do we go". *Frontiers in Psychology*, 11, 3484.

<sup>(22)</sup> Gajendran, R. & Harrison, D. (2007), "The good, the bad, and the unknown about telecommuting: meta-analysis of psychological mediators and individual consequences". *Journal of Applied Psychology*, 92(6), 1524-1541.

<sup>(23)</sup> Allen, T. D., Merlo, K., Lawrence, R. C., Slutsky, J. & Gray, C. E. (2021), "Boundary management and work-nonwork balance while working from home". *Applied Psychology*, 70(1), 60-84; Thörel, E., Pauls, N. & Göritz, A. S. (2020), "Are the effects of work-related extended availability the same for everyone?". *Journal of Work and Organizational Psychology*, 36(2), 147-156; Perry, S. J., Rubino, C. & Hunter, E. M. (2018), "Stress in remote work: two studies testing the demand-control-person model". *European Journal of Work and Organizational Psychology*, 27(5), 577-593.



mminata meta l-organizzazzjonijiet jistennew li l-impjegati jkunu disponibbli barra mis-sigħat regolari tax-xogħol <sup>(24)</sup>.

F'dan il-kuntest, ix-xogħol fuq il-post identifika tliet mudelli ewlenin:

1. L-impjegati f'okkupazzjonijiet impenjattivi ħafna b'livelli għoljin ta' awtonomija ma rawx li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom inbidlu b'mod fundamentali billi jaħdmu mid-dar. Dawn huma prinċipalment impjegati b'responsabbiltajiet ta' ġestjoni li diġà huma m'dorrijin ilaħħqu ma' tagħbijiet tax-xogħol għoljin u li l-funzjonijiet tax-xogħol tagħhom jinvolvu li jkunu disponibbli biex jitrattaw mat-talbiet għal xogħol barra mill-ħinijiet regolari. Dan huwa konsistenti mal-"paradoss tal-awtonomija" imsemmi fil-letteratura <sup>(25)</sup>. L-impjegati b'livelli għoljin ta' awtonomija fix-xogħol jinternalizzaw ir-rekwiżiti biex ilaħħqu maż-żieda fl-ammont ta' xogħol u jkunu disponibbli b'mod kostanti għal raġunijiet relatati mal-identità professjonali u r-rikonoxximent.
2. L-impjegati b'xi grad ta' awtonomija matul il-ħin tax-xogħol tagħhom u l-organizzazzjoni tal-kompiti tagħhom huma dawk li jirrapportaw aktar ta' spiss awtonomija akbar meta jaħdmu mid-dar. Flimkien mal-ħin li ġie ffrankat billi ma jivvjaġġawx għax-xogħol, dan kien ifisser aktar flessibilità fl-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tagħhom skont il-preferenzi tagħhom, inkluż li jaħdmu sigħat irregolari. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, it-telexogħol iwassal għal effetti pożittivi f'termini ta' prestazzjoni awtoperċepita, sodisfazzjon tal-impjegat u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Dawn is-sejbiet huma konsistenti mar-riċerka preċedenti <sup>(26)</sup>, li tiddikjara li x-xogħol lil hinn mis-sigħat tax-xogħol regolari mhuwiex assoċjat ma' kunflitt u stress bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, sakemm dan ikun ir-riżultat tal-preferenzi tal-impjegati.
3. L-impjegati li jaħdmu bi proċessi ta' ħidma standardizzati ħafna, b'awtonomija limitata ħafna fuq l-iskedi tax-xogħol tagħhom u l-pass tax-xogħol, ma esperjenzawx bidliet kbar meta kienu qed jaħdmu mid-dar.

## Kontroll u l-appoġġ tal-organizzazzjoni

Il-biċċa l-kbira tar-riċerka dwar it-telexogħol tindika l-ħtieġa li jiġu adattati l-prattiki tal-ġestjoni u tal-organizzazzjoni tax-xogħol għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-arranġamenti tat-telexogħol <sup>(27)</sup>.

F'konformità ma' studji oħra msemmija hawn fuq, ix-xogħol fuq il-post juri li l-esperjenza tat-telexogħol matul il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt sinifikanti fuq l-eliminazzjoni tal-isfiduċja fil-ġestjoni u r-riluttanza lejn l-adozzjoni tat-telexogħol. Dan huwa ġeneralment rikonoxxut kemm mill-impjegaturi kif ukoll mill-impjegati. Huwa interessanti li t-tnejn jirrapportaw li l-mekkaniżmi ta' kontroll kif ukoll ta' monitoraġġ ma nbidlux sostanzjalment:

- Skont l-impjegaturi, ir-raġuni ewlenija għal dan hija l-effettività tal-miżuri ta' kontroll eżistenti (ġestjoni permezz ta' objettivi għal impjegati b'livelli għoljin ta' awtonomija u sistemi ta' monitoraġġ għal impjegati ta' aktar rutina). Dan jissuġġerixxi li l-estensjoni tat-telexogħol għal impjegati b'ħiliet medji wriet li hija inqas ta' sfida milli kien antiċipat minn xi studji <sup>(28)</sup>.
- Minkejja t-ħassib dwar Prattiki intrużivi u diretti ta' kontroll fil-letteratura <sup>(29)</sup>, l-impjegati jirrapportaw li dawn kienu pjuttost eċċezzjonali u seħħew prinċipalment fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, li gradwalment evolwew lejn pożizzjoni aktar pożittiva u bbażata fuq il-fiduċja.

<sup>(24)</sup> Büchler, N., ter Hoeven, C. L. & Van Zoonen, W. (2020), "Understanding constant connectivity to work: how and for whom is constant connectivity related to employee well-being?". *Information and Organization*, 30(3), 100302; Thulin, E., Vilhelmson, B. and Johansson, M. (2019), "New telework, time pressure, and time use control in everyday life". *Sustainability*, 11(11), 3067; Gadeyne, N., Verbruggen, M., Delanoëje, J. & De Cooman, R. (2018), "All wired, all tired? Work-related ICT-use outside work hours and work-to-home conflict: the role of integration preference, integration norms and work demands". *Journal of Vocational Behavior*, 107, 86-99.

<sup>(25)</sup> Mazmanian, M., Orliowski, W. & Yates, J. (2016), 'The autonomy paradox: the implications of mobile email devices for knowledge professionals'. *Organization Science*, 24(5), 1337-1357.

<sup>(26)</sup> Jostell, D. & Hemlin, S. (2018), "After hours teleworking and boundary management: effects on work-family conflict". *Work*, 60(3), 475-483; Duxbury, L. & Halinski, M. (2014), "When more is less: an examination of the relationship between hours in telework and role overload". *Work*, 48(1), 91-103.

<sup>(27)</sup> Beauregard, T. A., Basile, K. A. & Canónico, E. (2019), "Telework: outcomes and facilitators for employees", in Landers, R. N. (ed.) *The Cambridge Handbook of Technology and Employee Behaviour*, Cambridge University Press, Cambridge, UK, 511-543.

<sup>(28)</sup> Sostero, M., Milasi, S., Hurley, J., Fernández-Macías, E. & Bisello, M. (2020), *Teleworkability and the COVID-19 crisis: a new digital divide?* Iċ-Centru Kongunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, Sevilla.

<sup>(29)</sup> Dolce, V., Vayre, E., Molino, M. & Ghislieri, C. (2020), "Far away, so close? The role of destructive leadership in the job demands-resources and recovery model in emergency telework". *Social Sciences*, 9(11), 19; Spagnoli, P., Molino, M., Molinaro, D., Giancaspro, M. L., Manuti, A. & Ghislieri, C. (2020), "Workaholism and technostress during the COVID-19 emergency: the crucial role of the leaders on remote working". *Frontiers in Psychology*, 11, 620310.

Il-ħidma fuq il-post fost l-impjegaturi tiffa' dawl ukoll fuq xi aspetti tat-telexogħol li rċevew inqas attenzjoni mir-riċerka. Fil-biċċa l-kbira tal-kumpaniji, it-tranżizzjoni kbira lejn it-telexogħol wasslet għal xi diskussjoni dwar ir-riskji u l-miżuri ta' prevenzjoni tal-OSH. Għalkemm l-impjegaturi jaqblu li r-riskji ewlenin għall-impjegati mit-telexogħol huma l-iżolament u n-nuqqas ta' kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa fid-dar, l-esperjenzi tal-kumpaniji jvarjaw ħafna f'żewġ aspetti importanti:

1. L-appoġġ għall-adozzjoni tat-telexogħol matul il-pandemija kien iffukat l-aktar fuq il-forniment ta' laptops u software li jippermettu xogħol mill-bogħod, għalkemm f'xi każijiet l-impjegati kellhom jużaw it-tagħmir tagħhom stess. Il-forniment ta' tagħmir ergonomiku, u speċjalment il-kumpens għall-ispejjeż addizzjonali assoċjati mat-telexogħol, kien aktar limitat. Barra minn hekk, ta' min jenfasizza li l-valutazzjonijiet tar-riskju tal-postijiet tax-xogħol tad-dar kienu kompletament assenti matul il-pandemija.<sup>0</sup>
2. Fir-rigward tar-riskji psikosoċjali, ftit kumpaniji biss żviluppaw politiki komprensivi ta' prevenzjoni, jiġifieri dawk b'esperjenza konsiderevoli tat-telexogħol qabel it-tifqigħa tal-pandemija u dawk li diġà qed jipplanaw li jestendu t-telexogħol b'mod sinifikanti. Fost aspetti oħra, dawn jinkludu l-istabbiliment ta' limiti ta' disponibbiltà, il-ġbir ta' informazzjoni sistematika dwar il-benesseri u t-taħriġ tal-impjegati għall-manijers tal-linja biex jadattaw il-prattiki manijerjali u tal-organizzazzjoni tax-xogħol, inkluż l-iżvilupp ta' fehim aktar profund tar-riskji psikosoċjali. F'dan ir-rigward, l-istabbiliment ta' limiti ċari dwar l-użu tal-ICT għal skopijiet ta' xogħol jidher li huwa kruċjali. Id-dritt għall-iskonnessjoni ġie rikonoxxut formalment f'kumpanija kbira waħda biss, filwaqt li xi Prattiki tal-ġestjoni tar-riżorsi umani ġew identifikati f'oħrajn. Madankollu, kwistjonijiet relatati mal-aspettattivi tad-disponibbiltà lil hinn mill-iskedi ta' ħidma regolari għadhom 'il bogħod milli jiġu solvuti.

## Id-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv fil-livell tal-kumpaniji

Minkejja ċ-ċirkostanzi straordinarji tal-kriżi tal-COVID-19, ix-xogħol fuq il-post jissuġġerixxi li d-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv kellhom rwol sinifikanti fir-regolamentazzjoni tat-telexogħol meta jkunu involuti t-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema:

- Il-ftehimiet kollettivi kienu strumentali biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn telexogħol estiż u jirregolaw xi aspetti ewlenin, bħall-impjegati li jitqiesu bħala "telefattibbli", l-intensità tat-telexogħol, ir-regoli għat-tidwir bejn xogħol ibbażat fid-dar u xogħol fuq il-post u l-għoti ta' appoġġ finanzjarju.
- Il-kumpaniji ż-żgħira jipprovdu wkoll xi eżempji ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema jew mekkaniżmi parteċipattivi aktar diretti.

Ir-riċerka dwar dan is-suġġett hija skarsa, iżda l-evidenza eżistenti tissuġġerixxi li l-politiki dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani, imfassla l-aktar biex itejbu l-involvement tal-impjegati u jtejjbu l-prestazzjoni tal-kumpaniji, ma jidher li huma l-aktar mod effettiv biex jiġu evitati riskji psikosoċjali u eżiti negattivi tas-saħħa. Id-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv jidher li jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u qafas regolatorju aktar trasparenti<sup>(30)</sup>. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest ta' wara l-pandemija, meta jitqies li t-telexogħol se jsir għażla disponibbli għal għadd akbar ta' impjegati — ħafna f'impjegati b'ħiliet medji — milli qabel il-pandemija.

## Xejriet regolatorji fil-livell nazzjonali

Il-Ftehim Qafas tal-UE dwar it-Telexogħol (2002) huwa r-referenza ewlenija għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-negożjar kollettiv dwar it-telexogħol fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE. Dan jinkludi d-definizzjoni tat-telexogħol u r-regolamentazzjoni tal-aspetti ewlenin tiegħu: volontarju kemm għall-impjegati kif ukoll għall-impjegaturi; ir-riversibbiltà; l-impjegati indaqs, it-taħriġ u d-drittijiet kollettivi; il-protezzjoni tad-*data*; ir-rispett għall-privatezza; u r-responsabbiltà tal-impjegaturi għall-OSH.

L-Istati Membri tal-UE jirregolaw it-telexogħol jew permezz ta' leġiżlazzjoni statutorja jew permezz ta' djalogu soċjali u negożjar kollettiv. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, jintużaw iż-żewġ tipi ta' regolamentazzjoni u dawn jikkomplementaw lil xulxin. Ir-rwol tal-istat jew tas-sħab soċjali jvarja u jiddependi parzjalment mit-tradizzjonijiet tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali.

<sup>(30)</sup> Sanz de Miguel, P. (2020). *Exploring the contribution of social dialogue and collective bargaining in the promotion of decent and productive virtual work*. Rapport finali ta' VIŻJONI FIL-FOND. VP/2017/004/0050. Disponibbli fuq: [https://drive.google.com/file/d/1JrHgEDU9swF4KM5H74gOJ0-u\\_hptKIXK/view](https://drive.google.com/file/d/1JrHgEDU9swF4KM5H74gOJ0-u_hptKIXK/view)

Qabel it-tifqigħa tal-COVID-19, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi kellhom definizzjonijiet statutorji u leġiżlazzjoni speċifika dwar it-telexogħol stabbilita fil-kodiċi tax-xogħol tagħhom jew fil-leġiżlazzjoni relatata. F'pajjiżi oħra (id-Danimarka, l-Irlanda, Ċipru, il-Latvja, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Iżvezja) ma kien hemm l-ebda definizzjoni statutorja ta' telexogħol, u ġew ittrattati kwistjonijiet relatati mat-telexogħol f'liġijiet differenti relatati mal-protezzjoni tad-*data*, is-sikurezza u s-saħħa jew il-ħin tax-xogħol.

Meta jitqies il-Ftehim Qafas tal-UE bħala referenza, l-aspetti innovattivi ewlenin regolati jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Telexogħol regolari u okkażjonali: il-Ftehim Qafas tal-UE kopra biss telexogħol regolari (mill-inqas jum fil-ġimgħa). Madankollu, it-telexogħol okkażjonali ħareġ bħala l-forma predominanti ta' telexogħol (jiġifieri inqas minn 20 % tal-ħin tax-xogħol u/jew mhux skont mudell speċifiku). L-approċċi nazzjonali jvarjaw. Xi pajjiżi biddlu d-definizzjoni statutorja tat-telexogħol biex jinkludu kwalunkwe intensità filwaqt li pajjiżi oħra stabbilew definizzjonijiet u regoli differenti għal telexogħol regolari u okkażjonali.
- Dritt għall-iskonnessjoni: il-Ftehim Qafas tal-UE ddikjara li t-teleħaddiema għandhom jimmaniġġjaw l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tagħhom skont il-limiti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-negozjar kollettiv. L-aspettattivi ta' disponibbiltà kostanti mill-maniġment jew mill-klijenti wasslu lil xi pajjiżi biex jirregolaw id-dritt għall-iskonnessjoni, li jinkludi ftehim dwar id-distribuzzjoni tas-sigħat tax-xogħol, il-pawżi u l-limitazzjonijiet fuq id-disponibbiltà.
- Dritt għat-telexogħol: anke jekk jinżamm il-prinċipju volontarju, xi pajjiżi rregolaw id-dritt għat-talba għat-telexogħol (l-impjegati għandhom id-dritt li jirċievu spjegazzjoni bil-miktub fil-każ ta' rifjut ta' kumpanija) jew li jipprovdu trattament speċjali għal xi gruppi bil-għan li jappoġġaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.
- Dispożizzjonijiet speċifiċi tal-OSH: f'xi pajjiżi, id-dmir tal-impjegaturi li jwettqu valutazzjoni tar-riskju u li jinfurmaw lill-ħaddiema dwar riskji potenzjali huwa msemmi b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni. Madankollu, il-proċeduri għall-valutazzjoni tar-riskju jvarjaw u, f'xi pajjiżi, l-impjegaturi huma strettament ristretti mid-dritt għall-privatezza (f'każijiet bħal dawn, il-valutazzjoni tar-riskju hija bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mit-teleħaddiem). Il-firxa tar-riskji tal-OSH indirizzati tvarja wkoll. Xi pajjiżi żviluppaw regolamentazzjoni biex jivvalutaw u jipprevjenu riskji psikosozjali speċifiċi (jiġifieri l-iżolament, il-kunflitt bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-istress). Fl-aħħar nett, ir-responsabbiltà ta' min iħaddem għall-inċidenti fuq ix-xogħol hija qasam delikat u r-regolamenti nazzjonali f'dan ir-rigward ivarjaw b'mod konsiderevoli.

Mit-tifqigħa tal-COVID-19, ħafna pajjiżi għamlu sforzi biex iżidu l-għarfien dwar kwistjonijiet ta' OSH fir-rigward tat-telexogħol. Ġew żviluppati gwidi u riżorsi speċifiċi, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li ħafna kumpaniji u teleħaddiema ma kellhomx esperjenza preċedenti ta' dan l-arranġament ta' ħidma.

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, l-esperjenza ta' telexogħol estensiv u fit-tul xprunat bidliet fil-leġiżlazzjoni u fid-dibattiti mmirati lejn adattament aħjar tar-regolamentazzjoni tat-telexogħol f'xenarju ta' wara l-pandemija. Sa Marzu 2021, ħames pajjiżi kienu implimentaw bidliet legali: Spanja, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu u s-Slovakkja, filwaqt li l-leġiżlazzjoni kienet qed tiġi rieżaminata f'ħafna pajjiżi oħra (il-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Kroazja, Ċipru, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja). Il-bidliet legali u d-dibattiti ta' politika dwar it-telexogħol jinkludu erba' aspetti ewlenin: (1) id-definizzjoni statutorja tat-telexogħol (inkluża d-distinzjoni bejn telexogħol regolari u okkażjonali), (2) id-dritt għall-iskonnessjoni, (3) id-dritt għat-telexogħol u (4) id-dispożizzjonijiet tal-OSH. Dawn isegwu x-xejriet li diġà kienu fis-seħħ qabel il-pandemija. Kwistjonijiet relatati mat-tagħmir u l-kumpens għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba mit-telexogħol qed jiksbu wkoll rilevanza.

B'kuntrast ma' dan, l-esperjenza tat-telexogħol matul il-pandemija ma wasslitx għal bidliet legali fil-pajjiżi Nordiċi. L-implimentazzjoni ta' telexogħol okkażjonali permezz ta' ftehimiet individwali u informali tradizzjonalment kienet ibbażata fuq l-awtoregolamentazzjoni mingħajr ebda restrizzjoni maniġerjali partikolari; minflok tiddependi mill-fiduċja bejn l-impjegaturi u l-impjegati (dak li jissejjaħ approċċ "libertà b'responsabbiltà"). Dan l-approċċ jidher li kien effettiv matul il-pandemija.

## Indikaturi ta' politika

F'ħafna pajjiżi tal-UE, il-bidliet fil-leġiżlazzjoni, fin-negozjar kollettiv u fid-dibattiti juru għarfien akbar tar-riskji potenzjali tat-telexogħol fuq il-benesseri u s-saħħa tal-impjegati. Ir-regolamentazzjoni tad-dritt għall-iskonnessjoni, il-prevenzjoni tar-riskji psikosozjali u l-infurzar tal-istandards tal-OSH huma aspetti

rilevanti. Madankollu, hemm differenzi kbar bejn il-pajjiżi u ma hemm l-ebda evidenza ta' approċċ komuni lejn telexogħol sikur u b'saħħtu. Reviżjoni tal-Ftehim Qafas tal-UE tal-2002 dwar it-telexogħol mis-sħab soċjali tkun pass sinifikanti 'l quddiem.

L-adozzjoni b'suċċess tal-arranġamenti tat-telexogħol mill-kumpaniji teħtieġ sforzi akbar biex jiġu adattati l-prattiki tal-ġestjoni u tal-organizzazzjoni tax-xogħol u biex jittejjbu l-politiki tal-OSH:

- L-arranġamenti tat-telexogħol fil-livell tal-kumpaniji għandhom jipprovdu regoli ċari u trasparenti dwar l-impjegati u l-kompiti li jistgħu isiru bit-telexogħol; proċeduri biex jintalab it-telexogħol; tagħmir u spejjeż; intensità u xejriet tat-telexogħol; sknessjoni u limiti fuq id-disponibbiltà lil hinn mis-siġhat tax-xogħol regolari.
- Il-manigġers tal-linja għandhom rwol ċentrali fit-tiswir tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-teleħaddiema. Il-manigġment għandu jrawwem relazzjonijiet ibbażati aktar fuq il-fiduċja bejn il-manigġers tal-linja u l-impjegati, abbażi tal-awtonomija u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni ta' appoġġ.
- It-taħriġ għall-manigġers tal-linja jista' jkun meħtieġ biex jiġu adattati l-prattiki tal-organizzazzjoni tax-xogħol u jitravwem fehim aktar profond tar-riskji psikosoċjali u l-eżiti negattivi relatati tas-saħħa.
- Il-ġestjoni tal-ħin tax-xogħol hija aspett ewlieni. Il-manigġers tal-linja għandu jkollhom rwol ewlieni fl-infurzar tad-dritt ta' sknessjoni, billi jstabbilixxu regoli ċari dwar il-ħinijiet tad-disponibbiltà u l-prattiki ta' komunikazzjoni jew it-talbiet tal-impjegat lil hinn mis-siġhat tax-xogħol regolari.
- L-adattament tal-prattiki tal-organizzazzjoni tax-xogħol għandu jimplika distinzjoni ċara bejn il-kompiti jew il-proċessi ta' ħidma li jistgħu jitwettqu fuq bażi mhux sinkronika minn dawk li jeħtieġu koordinazzjoni sinkronika jew interazzjoni wiċċ imb wiċċ. Dan l-approċċ iżid l-awtonomija tal-impjegati matul il-ħin tax-xogħol tagħhom.
- Il-ġestjoni tal-komunikazzjoni virtwali hija importanti wkoll biex jitnaqqsu t-tagħbija eċċessiva u l-istress spiss assoċjati ma' kanali diġitali multipli u sovrapposti. Dan jimplika wkoll li għandu jkun hemm ftehim dwar frekwenza u durata xierqa tal-laqqgħat virtwali u li għandu jiġi allokat xi żmien għal skambji informali u għal waqfiet bejn il-laqqgħat.
- L-aktar approċċ effettiv biex jiġi evitat l-iżolament huwa li tiġi llimitata l-intensità tat-telexogħol (eż. għal 50 % fil-ġimgħa). Komunikazzjoni virtwali bla xkiel mal-manigġers u mal-kollegi tal-linja ttaffi l-iżolament.
- Iż-żieda fil-prevalenza tal-MSDs u ta' kwistjonijiet fiżiċi oħra (bħall-għeja tal-għajnejn) tenfasizza r-rilevanza tal-ergonomija u tal-imġibiet b'saħħithom (eż. il-pawżi u l-attività fiżika) meta wieħed jaħdem mid-dar.
- Il-politiki tal-OSH għandhom jibdew b'valutazzjoni tar-riskju tal-istazzjon tax-xogħol fid-dar f'kollaborazzjoni mal-impjegat u bi gwida għall-konformità mal-istandards ergonomiċi. Il-forniment ta' tagħmir ergonomiku (għamara tal-uffiċċju u apparat diġitali) huwa aspett rilevanti.
- Politiki komprensivi għall-prevenzjoni tal-OSH għandhom jinvolvu lill-impjegati fl-identifikazzjoni u fil-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali u fiżiċi. Dan jinkludi taħriġ, mekkaniżmi li jippermettu lill-impjegati jesprimu t-tħassib tagħhom, u li tinġabar informazzjoni sistematika regolarment tal-benesseri psikoloġiku u fiżiku tal-ħaddiema.

Fuq nota finali, ta' min jenfasizza li d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv fil-livell tal-kumpaniji għandu jkollhom rwol aktar rilevanti fir-regolamentazzjoni tal-arranġamenti tat-telexogħol. Dawn jipprovdu qafas aktar trasparenti u parteċipattiv għar-regolamentazzjoni tal-arranġamenti tat-telexogħol, it-travwim ta' prevenzjoni proattiva tar-riskji psikosoċjali u l-infurzar tal-konformità mal-istandards tal-OSH.

Traduzzjoni pprovdata miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

**L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)** hija impenjata li tagħmel lill-Ewropa post tax-xogħol aktar sikur, aktar ħieles mill-periklu u aktar produttiv. L-Aġenzija tirriċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, ibbilanċjata u imparzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà u torganizza kampanji pan-Ewropej ta' sensibilizzazzjoni. Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, kif ukoll l-esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE u lil hinn minnhom.

**Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

Santiago de Compostela 12, 5th floor

48003 Bilbao, Spanja

Tel. +34 944358400

Fax +34 944358401

Indirizz tal-posta elettronika:  
information@osha.europa.eu

<http://osha.europa.eu>